IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

29 ta' Marzu 2017
24/2017

# L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-PARRUĊĊANI TA' SAN SEBASTJAN, ĦAL QORMI

Bejn is-Sibt 25 u t-Tnejn 27 ta' Marzu 2017, l-Arċisqof Charles J. Scicluna iltaqa' ma residenti u familji li jgħixu fil-Parroċċa ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, fosthom dawk li joffru servizz fil-gruppi u l-għaqdiet tal-parroċċa, u familji f'sitwazzjonijiet partikolari. Kienet għażla ta' Monsinjur Arċisqof li l-Viżta Pastorali tiegħu fl-Arċidjoċesi ta' Malta tibda minn din il-parroċċa.

Il-Viżta Pastorali bdiet is-Sibt 25 ta' Marzu biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali, u wara l-Arċisqof ltaqa' man-nies fuq iz-zuntier tal-Knisja. Qabel il-Quddiesa, l-Arċisqof amministra s-sagrament tal-Qrar.

Il-Ħadd 26 ta' Marzu, l-Arċisqof kellu laqgħa ta' djalogu mal-katekisti, u wara ltaqa' mal-membri tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Filgħodu ċċelebra Quddiesa bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa, u wara li ltaqa' ma' dawk preżenti, qagħad għall-ikel mas-saċerdoti tal-parroċċa. Filgħaxija, l-Arċisqof kellu laqgħa ta' djalogu maż-żgħażagħ tal-parroċċa u mal-Iscouts ta' Ħal Qormi.

It-Tnejn 27 ta' Marzu, filgħaxija, l-Arċisqof kellu l-opportunità jiltaqa' mal-adoloxxenti tal-parroċċa li qed iħejju għas-sagrament tal-Griżma, mal-operaturi pastorali tal-parroċċa u mas-sorijiet Agostinjani. Matul dawn il-laqgħat, l-Arċisqof kien akkumpanjat mid-delegati tiegħu u mill-kappillan tal-parroċċa, Dun Joseph Buhagiar.

Fl-omelija waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ftuħ tal-Viżta Pastorali, l-Arċisqof tkellem dwar it-tjieba, il-ġustizja u l-verità, li l-Appostlu Missierna San Pawl isemmi fl-Ittra tiegħu lill-Efesin. L-Arċisqof qal li n-Nisrani jrid ikejjel l-qalb tiegħu b'dawn it-tliet atteġġjamenti. "Jekk jiena u nitratta ma' ħuti l-bnedmin m'hemmx tjieba fija, għadni fid-dlam, jekk jiena ma' ħuti l-bnedmin ma nimxix bil-ġustizzja, fija għad hemm id-dlam, jekk jiena ma' ħuti l-bnedmin ma nimxix bil-verità, fija għad hemm id-dlam. Fir-Randan, aħna li aħna dgħajfin u li kultant id-dlam jogħġobna iżjed mid-dawl, nitolbu lill-Mulej jippurifikana billi jnissel fina t-tjieba, il-ġustizzja u l-verita."

Il-Viżta Pastorali tal-Arċisqof kienet tinkludi wkoll laqgħat ma' familji li jgħixu f'Ħal Qormi u li qed jiffaċċjaw sfidi soċjali u koppja f'realtà pastorali partikolari. Fil-jiem li ġejjin, l-Arċisqof ser jiltaqa' wkoll ma' tfal minn ambjenti soċjali diffiċli, li jgħixu f'dar tal-Aġenzija Appoġġ.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**